MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 206/2002/1

**Korporazzjoni Enemalta.**

**-vs-**

**Emmanuel Portelli.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-21 ta’ Frar, 2002 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut kien jikri l-canteen fil-‘Power Station’ tal-Marsa, proprjeta’ tal-Korporazzjoni attrici, u dan skond skrittura datata 17 ta’ Marzu 1997 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. ‘A’.

Illi l-istess kirja giet itterminata mill-Korporazzjoni attrici minhabba ksur ta' diversi obbligazzjonijiet kontrattwali da parti tal-konvenut, liema terminazzjoni hija s-suggett ta' kawza ohra quddiem din l-Onorabbli Qorti (Citaz. Nru 1331/00).

Illi l-konvenut huwa debitur tal-Korporazzjoni attrici fis-somma ta' dsatax-il elf, seba' mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm19,727.80) rapprezentanti arretrati ta' pagamenti dovuti lill-istess Korporazzjoni attrici ghall-kera tal-canteen fil-'Power Station' tal-Marsa dovuti bhala skadenzi ghall-perjodu mis-17 ta' Dicembru 1997 sat-28 ta' April 2000 u dan kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok. 'B'.

Illi minkejja l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas l-ammont imsemmi diversi drabi, huwa baqa' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-Korporazzjoni attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jissolleva ghat-talbiet attrici u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-deispensa tas-smiegh; u konsegwentement

2. Tikkundanna ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' dsatax-il elf, seba' mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm19,727.80), dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr. Damian Degiorgio, I.D 103075(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Portelli pprezentata fit-13 ta' Frar, 2006 li permezz taghha eccepixxa;

1. Preliminarjament id-dezerzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artiklu 963 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici ghar-ragunijiet segwenti:

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-seuspost, l-ammont pretiz mhuwiex dovut billi l-Korporazzjoni attrici naqset milli tadempixxi l-obbligi kontrattwali taghha kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni attrici itterminat il-kirja vigenti bejn il-partijiet b'mod illegali u abbuziv u kkommettiet spoll fil-konfront tal-esponenti, dwar liema spoll hemm proceduri pendenti fl-ismijiet "Emanuel Portelli vs Korporazzjoni Enemalta" (Cit Nru 1331/00) u dwar liema azzjoni l-esponenti jirrizerva illi jipprocedi kontra l-Korporazzjoni attrici ghad-danni;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu, 2006 illi permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezjoni

tal-konvenut ossija l-eccezzjoni tad-deserzjoni tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12.

Il-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur hu car u ma jistax ikun hemm kontestazzjoni ghaliex dan jirrizulta mill-atti. Il-Qrati taghna fil-passat recenti kellhom diversi okkazzjonijiet biex jesprimu ruhom u jiddeciedu dwar dan il-punt u kwindi hu relattivament facli ghal din il-Qorti li tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.

Kawza deciza fil-31 ta' Jannar, 2003 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Distinct Conversions Limited vs Joseph Fasanelli et ghandha titqies fil-fehma tal-Qorti bhala *leading case* fil-materja. Il-Qorti tal-Appell f'din is-sentenza tat rendikont tal-*mens legis* tal-istitut tad-deserzjoni u anke l-istorja ta' kif il-Qrati interpretaw l-artikoli rilevanti.

Kif gia' inghad il-konvenut giet notifikata c-citazzjoni kif giet korretta iktar minn sitt xhur wara li giet presentata ic-citazzjoni u l-Artikolu in kwistjoni 963 (1) tal-Kapitolu 12 jipprovdi illi kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur. Il-punt in kwistjoni huwa allura meta kellu jities dan it-terminu perentorju impost mil-ligi u x'ghandu jigi konsidrat mill-Qorti fl-applikazzjoni ta' dan it-terminu.

Is-sentenza msemmija tghid illi;

"*Minkejja dak li tghid il-ligi tal-procedura u tenut kont ta' kif zviluppat dik il-parti tal-proceduri rigwardanti x-xorta ta' att li bihom setghu jinbdew azzonijiet u kawzi gudizzjarji jigifieri b'mod inqas formalistiku u izjed sommarju, il-Qrati taghna hassew li fic-cirkostanzi ghandhom jaghtu interpreatazjoni aktar wiesa izda gusta ta' dan is-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 u dan biex ma tinholoqx xi forma gdida ta' ingustizzja fejn certament ma hemmx lokha.*"

Il-Qorti tal-Appell qablet mat-tezi tal-appellanti f'dik il-kawza (l-atturi) u cioe' illi billi l-legislatur ma ddistingwiex bejn il-kawzi li marru *sine die* ghaliex ma nghalqux bil-miktub fiz-zmien stipulat u dawk differiti *sine die* b'digriet tal-Qorti – u ghalhekk biex kawza tmur deserta ai termini ta' l-Artikolu 965 tal-Kapitolu 12 trid tkun giet ippublikata bhala tali (cioe' differita *sine die*).

Il-Qorti tal-Appell fl-istess jum tat sentenza ohra fl-ismijiet Id-direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Limited fejn qalet hekk;

"*Ghalhekk l-espressjoni 'ghandha titqies' fl-Artikolu 963 (5) (a) ma tistax tinghata intepretazzjoni iktar wiesa minn dik moghtija mill-legislatur. Kawza quddiem Qorti tal-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub ma jigux maghlqa fiz-zmien perentorju msemmi fis-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 963 bhala x'hiex ghandha titqies? Ir-risposta hija cara; ghandha titqies bhala (i) kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista tal-kawzi u (ii) bhala kawza li tkun b'ordni tal-Qorti, thalliet sine die. Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita' tal-lista msemmija fis-sub-artikolu (1), (2) u (3) ta' l-Artikolu 964 qabel ikun hemm is-sanzjoni tad-deserzjoni.*"

Il-Qorti allura kkonkludiet illi;

"*Peress li f'din il-kawza ... ma saritx il-pubblikazzjoni mehtiega ... ma jistax jinghad li l-kawza marret dezerta.*"

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn il-konkluzjonijiet u thoss li din l-interpretazzjoni, apparti l-korrettezza legali taghha twassal ukoll ghal decizjoni gusta. (Ara ukoll is-sentenza parzjali fil-kawza Marmista Ltd vs Cuschieri – Prim'Awla - 14 ta' Dicembru, 2005); kif ukoll Joseph Abela vs MACE Development Limited – Prim'Awla – 8 ta' Frar, 2006).

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tad-deserzjoni tal-konvenut u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.**

**Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------